**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Victor (Joseph Victor) Buttigieg**

**Illum 20 ta' April 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Victor (Joseph Victor) Buttigieg ta' erbgha u erbghin (44) sena, bin il-mejjet Anthony u Emanuela neè Zammit, imwieled Pietà fid-9 ta' Settembru 1972, prezentement residenti gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 474072(M) talli:-

1. Nhar il-31 ta' Jannar 2017, ghall-habta tas-1:09 ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Mystique Well Being" sitwat gewwa Triq il-Kbira, Had-Dingli, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti ohra ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna jew persuni ohra, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;
2. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2017, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Angelo Store" sitwat gewwa Triq ir-Regimenti Maltin, l-Imtarfa, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu u liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew persuna jew persuni ohra;

3. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2017, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Angelo Borg u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250);
4. U aktar talli nhar it-2 ta' Frar 2017, ghall-habta ta' 12:20 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gewwa l-Kazin tal-Partit Laburista sitwat gewwa Triq is-Sajf ta' San Martin, Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu u liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' diversi persuni;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Victor (Joseph Victor) Buttigieg bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li hu gie misjub hati b'sentenza jew sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, il-Qorti tordna lil Victor (Joseph Victor) Buttigieg ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2017, ossia estratt tac-Certifikat tat-Twelid ta' l-imputat – Dok. "A" u l-fedina penali ta' l-imputat – Dok. "B";

Rat l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat il-Procès-Verbal bin-Numru 226/17 relattiv ghall-Inkjesta dwar serqa minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Mystique Well Being" fi Triq il-Kbira, Had-Dingli, li gie esebit mill-Avukat Generali permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' April 2017;

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Carlos Cordina moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' April 2017 u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "C" sa' Dok. "F" u rat li l-imputat iddikjara li huwa mhux se jixhed f'dawn il-proceduri;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (i) nhar il-31 ta' Jannar 2017, ghall-habta tas-1:09 ta' filghodu minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Mystique Well Being" sitwat gewwa Triq il-Kbira, Had-Dingli, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti ohra ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna jew persuni ohra, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin; (ii) u aktar talli matul il-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2017, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Angelo Store" sitwat gewwa Triq ir-Regimenti Maltin, l-Imtarfa, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu u liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew persuna jew persuni ohra; (iii) u aktar talli matul il-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2017, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Angelo Borg u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250); (iv) u aktar talli nhar it-2 ta' Frar 2017, ghall-habta ta' 12:20 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gewwa l-Kazin tal-Partit Laburista sitwat gewwa Triq is-Sajf ta' San Martin, Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu u liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' diversi persuni. Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li hu gie misjub hati b'sentenza jew sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u li f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi izda hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 261(b), (c) u (f), 263(a) u (b), 267, 270, 289 u 325(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-

imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u filwaqt li tittratta ma' l-imputat *qua* recediv a tenur ta' l-imsemmija Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess imputat ghall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva.

B'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, il-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill- Procès-Verbal bin-Numru 226/17 relattiv ghall-Inkjesta dwar serqa minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Mystique Well Being" fi Triq il-Kbira, Had-Dingli, li gie esebit mill-Avukat Generali permezz ta' Nota ipprezentata fis-7 ta' April 2017, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma komplessiva ta' €1,374.57 rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti fil-kuntest ta' l-imsemmija Inkjesta.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna w assisstenza kollha mehtiega sabiex ikun jista' jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

In fine il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Avukat Generali entro t-terminu prefiss fil-Ligi ta' sitt ijiem tax-xoghol.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**